MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1479/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Keith Ellul (K.I. 122286M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija, sebgha u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€547.61) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go plc li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bin- numru AC 40086395 skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati Dok. IZY1 u IZY 2.

Illi l-konvenut nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, izda il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut deher ghas-seduta tad-29 ta' Novembru, 2010 fejn taht guramanet ammetta t-talba attrici izda xtaq illi jhallas s-somma ratejalment.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ppruvat l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------